MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 27 ta’ Jannar, 2017

Mandat ta’ Inibizzjoni Numru: 286/16/1LM

**Anthony D’Alfonso (K.I. 633554M)**

**vs.**

**Jane D’Alfonso (K.I. 111258M)**[1]

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors ta’ **Anthony D’Alfonso** (minn issa ’l quddiem “ir-rikorrent”), li ġie preżentat fit-30 ta’ Novembru, 2016 li jgħid kif ġej:

[1] B’digriet tal-15 ta’ Diċembru, 2016 l-okkju li kien jaqra **Jane D’Alfonso (K.I. 111258M) vs. Anthony D’Alfonso (K.I. 633554M)** ġie korrett biex issa jinqara **Anthony D’Alfonso (K.I. 633554M) vs. Jane D’Alfonso (K.I. 111258M).**

*"Illi r-rikorrent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq jinibixxi lill-attriċi (sic) milli tbiegħ, tittrasferixxi jew b'xi mod tiddisponi jew taggrava b'xi piż jew dejn kull investiment formanti mill-komunjoni tal-akkwisti u mhux limitat għas-segwenti:*

1. *L-investimenti fil-Malta Stock Exchange plc, MSE Account Number 9335323 li għandhom il-valur ta' Euro 6,989.*

*Illi l-kontendenti iżżewġu fid-dsatax (19) ta' Diċembru tal-elf, disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) u minn dan iż-żwieġ twieldu tliet ulied; Ian, Chantelle u Jessica aħwa D'Alfonso u li huma kollha maġġorenni.*

*Illi l-kontendenti kienu talbu għal separazzjoni personali permezz ta' medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u infatti huma jinsabu għaddejjin minn kawża ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja Rikors Ġuramentat numru 110/2014AL.*

*Illi fost l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti hemm l-investimenti surriferiti u li għalkemm formanti parti mill-istess komunjoni, dawn jinsabu f'isem l-attriċi.*

*Illi għalhekk ir-rikorrent qiegħed jipprosegwi quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex din tipprovdi fuq it-talbiet tiegħu u żżomm lill-intimata milli tiddisponi bi kwalunkwe mod minn dawn l-investimenti.*

*Illi r-rikorrent għandu prima facie dritt u jekk kemm-il darba dan il-mandat ma jintlaqax, il-preġudizzju soffert minnu jkun wieħed irrimedjabbli.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tipprevjeni s-sofferenza ta' preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tiegħu."*

Rat id-Digriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2016 fejn wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, irriżervat li tappunta r-Rikors għas-smigħ jekk ikun meħtieġ u ordnat in-notifika tar-Rikors u tad-digriet lill-intimata, li ngħatat sas-7 ta' Diċembru, 2016 għar-risposta.

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent fis-6 ta' Diċembru, 2016 fejn talab illi ssir korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promotur minħabba li ismijiet tal-partijiet fl-okkju bi żvista ġew invertiti.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti fejn wara li rat l-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat illi jiġi korrett l-okkju tal-kawża għal kif inhu illum u wara li ordnat in-notifika lill-intimata tar-Rikors kif korrett, appuntat r-Rikors għas-smigħ għad-9 ta' Jannar, 2017.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti tat ġimgħa żmien lill-intimata Jane D'Alfonso għar-risposta.

Rat ir-risposta ppreżentata fis-16 ta' Jannar, 2017 mill-intimata **Jane D'Alfonso** (minn issa 'l quddiem "l-intimata") li taqra kif ġej:

> *"Għar-raġunijiet hawn imfissra, it-talba mressqa mir-rikorrent għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Novembru, 2016 għandu jiġi konsegwentement revokat (recte) f'dik il-parti tiegħu fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba mressqa fir-rikors odjern b'mod provviżorju.*
>
> *Fl-ewwel lok, ir-rikors odjern ma jistax jirnexxi inkwantu l-flejjes investiti f'isem l-esponenti ġewwa l-Malta Stock Exchange, MSE Account Number 9335323 ġew żbankati mill-istess permezz ta' Stock Dividend Warrant datat 26 ta' Novembru, 2016 (Dok. 'JD1').*
>
> *Huwa rassodat fil-ġurisprudenza illi "l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu sabiex xi ħadd jiġi miżmum milli jagħmel xi ħaġa li bih jistgħu jiġu leżi drittijiet prima facie u li jekk dawn id-drittijiet ma jiġux protetti d-dannu soffert ser ikun irrimedjabbli. F'dan il-każ, anki jekk għal grazzja tal-argument hemm xi dritt x'jiġi protett, dan id-dritt ma jistax jiġi protett b'dawn il-proċeduri billi dak illi qed jintalab jiġi miżmum ġia seħħ u għalhekk ma tistax tiġi utilizzata din il-proċedura għal protezzjoni tad-dritt allegat, iżda semmai proċedura legali oħra."*[2]

[2] Qorti Ċivili, Prim'Awla, Onor. Imħallef Mark Chetcuti, seduta tas-6 ta' Frar, 2013, Mandat Numru 134/2012/1, **John Mary Grech u martu Mary Ann Grech vs. Michael Galea u martu Josephine Galea**. Ara wkoll Qorti Ċivili, Prim'Awla, Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, seduta tas-16 ta' Diċembru, 2016, Rikors Numru 1639/2016/1, **Joseph Scicluna u Ruth Scicluna eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Josef Car Hire vs. James Spiteri u Sandra Spiteri**.

> *L-istanti tħoss illi dwar it-talba in eżami tista' tieqaf hawnhekk; jista', u għandu jiġi però rimarkat fit-tieni lok, u dan inkwantu t-talba rikorrenti hija mmirata għal "kull investiment" illi kif diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna, il-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali b'rekwiżiti stretti (u ċjoè t-turija tal-jedd prima facie u t-tbatija tal-preġudizzju irriversibbli), liema proċedura, kuntrarjament għall-każ in eżami, wieħed għandu jirrikorri għaliha meta jkun jinsab fl-impossibbiltà li jikkawtela ruħu xort'oħra bl-utilizz ta' proċeduri alternattivi.*[3] *Dan ċertament mhuwiex il-każ hawnhekk fejn ir-rikorrent mhux biss għandu a dispożizzjoni tiegħu għodda proċedurali oħra iżda naqas milli juri preġudizzju irrimedjabbli."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 fejn il-partijiet qablu illi mid-dokumenti li ġew esebiti mill-intimata jirriżulta li l-investiment individwat b'mod speċifiku fir-Rikors promotur ġie effettivament żbankat qabel l-ewwel digriet in materia ta' din l-Onorabbli Qorti u għaldaqstant inkwantu r-Rikors jikkonċerna l-istess, dan hu eżawrit.

Illi skont l-istess verbal ir-rikorrent fir-rigward tat-talba dwar l-investimenti l-oħrajn li jista' għandha l-intimata, żamm ferm mat-talba tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017, fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment kamerali.

---

[3] Qorti Ċivili, Prim'Awla, Onor. Imħallef Miriam Hayman, seduta tal-4 ta' Jannar, 2017, Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1806/2016, **Ronald Agius u Carmen Buttigieg vs. Awtorità tad-Djar**.

## Konsiderazzjonijiet legali

Illi l-formola użata mir-rikorrent biex ressaq it-talba tiegħu[4] hija dik ġenerali *ai termini* tal-artikolu 873 tal-Kap. 12. Dan hu korrett stante li taħt l-artikolu 876 tal-Kap. 12 dwar mandat ta' inibizzjoni li jintalab waqt separazzjoni personali, il-ġid tal-komunjoni li huwa maħsub li jintlaqat bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ta' dik ix-xorta, ma jinkludix il-ġid (ċjoè investimenti) li dwaru qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat odjern. Ġaladarba r-rikorrent għażel li jinqeda bil-formola "ġenerali" ai termini tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, jkun tefa' fuqu l-piż li jissodisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma jkollux għalfejn jagħmel li kieku seta' jinqeda bil-formola taħt l-artikolu 876.[5]

Illi skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrent irid juri li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent sejjer isofri preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li huwa jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi. Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

---

[4] Nru 21 tal-Iskeda B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] **Margaret Cauchi *vs.* Raymond Cauchi**, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), deċiża 11.02.2015.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu r-rikorrent iżda ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12, trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandux pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, kif diġà ngħad, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

Illi l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.

Illi l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-pretensjoni ta' jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba

għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tfittix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi t-talba tar-rikorrent fil-proċeduri odjerni saret sabiex ma jitmissx il-patrimonju li jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti qabel li dan effettivament jinqasam fil-proċeduri appożiti li għadhom pendent.

Illi l-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu r-rikorrent iżda trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandhux pretensjoni ta' jedd *prima facie*. Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti fi proċeduri bħal dawn li tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[6]

Illi l-jedd *prima facie* li r-rikorrent jippretendi li għandu f'dan ir-rigward u dak li jitħares l-interess tiegħu fil-komunjoni tal-akkwisti b'mod partikolari li l-ġid li jagħmel parti mill-istess komunjoni ma jitteħidx jew jgħaddi għand ħaddieħor:

> "Tqis li għalhekk, ladarba t-talba tar-rikorrenti hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fatt li hija trid tħares l-interessi tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti u ssemmi l-biżgħa li titlef tali ħarsien jekk kemm-il darba ma kellhiex tintlaqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat jikkostitwixxi fil-fehma ta' din il-Qorti, t-

[6] PA, 27.11.2014 - **Josephine Camilleri *et. vs.* Giuseppe Camilleri *sive* Joseph.**

tismija tal-pretensjoni li l-liġi titlob mir-rikorrenti. L-għamla ta' rimedju mitlub huwa wieħed konservattiv tal-istat ta' fatti u dak li jista' jintalab bis-saħħa tal-Mandat "speċjali" taħt l-artikolu 876 m'għandux ma jkunx ukoll jista' jintalab bis-saħħa tal-Mandat "ġenerali" taħt l-artikolu 873, jekk kemm-il darba jintwerew l-elementi meħtieġa li ssemmew qabel;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie,* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[7], disaġju jew tħassib;

Tqis li r-rikorrenti wriet li tabilħaqq għandha jedd mad-daqqa t'għajn li jixraq li jkun imħares. Kif ingħad qabel, jekk kemm-il darba l-liġi tagħti lil persuna li għamlet jew tkun ser tagħmel quddiem qorti kawża għall-firda personali l-jedd għaldaqshekk biss li titlob li toħroġ Mandat, allura dan ifisser li f'għajnejn il-liġi dan huwa jedd "*prima facie*" tajjeb biżżejjed biex talba bħal dik tintlaqa'."[8]

Illi l-każ suċċitat huwa tista' tgħid wieħed identiku għal li għandha quddiemha din il-Qorti fil-proċedura odjerna. Tqis għaldaqstant illi l-ewwel element tal-jedd mad-daqqa t'għajn jirriżulta li huwa sodisfatt.

Illi fil-każ suċċitat, din il-Qorti kif diversament preseduta daħlet ukoll fuq it-tieni element rikjest:

"Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-egħmil li r-rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[9], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat"[10].

---

[7] **Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran *noe. et.*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).
[8] Ibid: **Margaret Cauchi *vs.* Raymond Cauchi**, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), deċiża 11.02.2015.
[9] P.A., AM, 02.01.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-**ismijiet Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan *et noe.***
[10] Ibid: **Margaret Cauchi vs Raymond Cauchi**, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 11.02, 2015.

Minbarra dan, jekk kemm-il darba xi investimenti minn dawk li għalihom jirreferi r-Rikors tabilħaqq jgħaddu f'idejn ħaddieħor jew jekk l-intimata tirhan jew b'xi mod ieħor tgħabbi l-istess investimenti, tkun b'dan il-mod qiegħda tittrasferixxi, tirhan jew tgħabbi wkoll sehem żewġha r-rikorrent fl-istess investimenti u, sa dan ir-rigward, tkun qiegħda ġġiblu ħsara li ma tissewwiex mod ieħor.

Illi lanqas isegwi l-argument imqajjem waqt it-trattazzjoni mill-avukat difensur tal-intimata, li intimata martu għandha ġid ieħor f'isimha li jagħmel tajjeb għal sehemha mill-komunjoni għax dan ma jżommx b'daqshekk mis-siwi tat-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi t-talba tal-mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-komunjoni li għalih il-mandat jista' jirreferi. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-mandat jitkellem dwar ħwejjeġ speċifiċi u mhux b'mod ġeneriku, ċjoè "investimenti formanti mill-komunjoni tal-akkwisti" wara li l-partijiet iżżewġu, l-intimata ma tistax tilmenta li kull ġid tagħha huwa milqut u li hija ma tistax iddur għal ġid ieħor tal-komunjoni biex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħha u biex tinqeda bi ħwejjġha.

Tqis għalhekk illi dan it-tieni element mitlub mil-liġi jirriżulta wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-Rikors kif ġej:**

**(i) Tqis il-mertu tat-talba rikorrenti safejn tikkonċerna l-investiment fil-Borża ta' Malta Nru 9335323, illum huwa eżawrit;**

**(ii) Tilqa' t-talba għal ħruġ tal-Mandat għar-rigward ta' investimenti li saru wara d-data taż-żwieġ bejn il-partijiet, u ċjoè d-19 ta' Diċembru, 1978, li jista' hemm reġistrati mal-Borża ta' Malta u dan billi jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritt.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu nofs bin-nofs mill-partijiet.**

Mogħti kameralment fis-27 ta' Jannar, 2017.